

# IL-QORTI ĠENERALI

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2022 – Vleuten Insects u New Generation Nutrition vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-500/22)

(2022/C 424/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Vleuten Insects vof (Hoogeloon, il-Pajjiżi Baxxi), New Generation Nutrition BV (Helvoirt, il-Pajjiżi Baxxi) (rappreżentant: N. Carbonnelle, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2022 li tagħlaq il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' larva ta' *Alphitobius diaperinus* bħala ikel ġdid mingħajr ma taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid (<sup>1</sup>);
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2017/2469 (<sup>2</sup>), sa fejn id-deċizzjoni kienet adottata mingħajr ma ġew osservati r-rekwiżiti u l-garanziji proċedurali previsti f'din id-dispożizzjoni, b'tali mod li d-deċizzjoni hija illegali.
2. It-tieni motiv: ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod iktar partikolari:
  - ksur tad-dmir ta' lealtà proċedurali u tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi (l-ewwel parti tat-tieni motiv);
  - ksur tar-rekwiżiti proċedurali applikabbli u tad-dmir li tingħata motivazzjoni valida u legalment ammissibbli (it-tieni parti tat-tieni motiv); u
  - ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità (it-tielet parti tat-tieni motiv).

3. It-tielet motiv, imressaq b'mod sussidjarju fil-każ li la l-ewwel u lanqas it-tieni motiv ma jintlaqgħu: eċċezzjoni ta' illegalità bbażata fuq l-Artikolu 277 TFUE invokata fil-konfront tal-Artikolu 10(6) tar-Regolament 2015/2283 <sup>(2)</sup> u tal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2017/2469, li fil-kuntest tagħha r-rikorrenti jsostnu li dawn id-dispożizzjonijiet huma nulli għaliex imorru kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali u l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

<sup>(1)</sup> Referenza tad-dokument: C(2022)3478.

<sup>(2)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2469 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jstabbilixxu rekwiżiti amministrattivi u xjentifiċi għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU 2017, L 351, p. 64).

<sup>(3)</sup> Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 (ĠU 2015, L 327, p. 1).

## Rikors ippreżentat fil-5 ta' Settembru 2022 – QW vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-550/22)

(2022/C 424/49)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

### Partijiet

Rikorrent: QW (rappreżentanti: S. Gemas Donário u S. Soares, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 8550 final tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajjnuna SA.21259 (2018/C) (ex 2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Żona Franca da Madeira [Żona Ħielsa ta' Madeira] (ZFM) – Reġim III;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-issodisfar tar-rekwiżiti għall-kompatibbiltà tar-Reġim III taż-Żona Ħielsa ta' Madeira, b'mod speċifiku l-orijini tal-profitti u l-ħolqien u ż-żamma ta' impjiegi fir-reġjun.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq id-dewmien inġustifikat li bih aġixxiet il-Kummissjoni.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq nuqqas ta' twettiq tal-obbligu ta' motivazzjoni.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq id-dritt għal smigħ xieraq.
5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.
6. Is-sitt motiv huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' ċertezza legali.